MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 272/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Dennis Theuma)**
**Vs**
**Nicholas Anthony Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 106274(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gzejjer fit-30 ta’ Mejju, 2007 u fis-sitt xhur ta’ qabel
a) kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema

droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

b) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehudha mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanzam dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licnezja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-Disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolamenti 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292.1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Gunju, 2011, li biha wara

li rat l-artikoli 40A u 120A tal-Kapitolu 81 tal-Ligijiet ta' Malta, Taqsima IV u VI tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 8(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll GN 292.1939.

Rat ukoll l-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi misjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' tlitt (3) snin u ghal multa ta' €5,000 dan tenut kont anke tal-varjeta` ta' droga minnu ttraffikata bil-facilita` li jaghmel l-istess anke bhala xufier tal-linja.
Ordnat ukoll il-konfiska tal-flejjes ezebiti fl-atti, wara li rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta w ikkundannatu ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' €2,556.42.
Swalifikatu milli jkollu jew izomm licenzji ta' sewqan ghal sena mill-lum, wara li rat l-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ma ordnatx il-konfiska tax-xarabank imsemmi, stante li ma ngabet ebda prova tal-vera sid tal-istess.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta' Gunju, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati tat-tielet u r-raba` mputazzjoni migjuba kontra tieghu, u cioe` tal-pussess semplici ta' l-eroina u l-kokaina, filwaqt illi tħassarha, tirrevoka u tannullha fil-parti fejn sabitu ħati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, u cioe` tal-pussess aggravat tad-droga ecstasy u tar-raża tal-cannabis, alternattivament, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, u dan billi tiġi mposta piena aktar ġusta u ekwa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti:-

Illi l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt issibu ħati ta' l-imputazzjonijiet ta' pussess aggravat miġjuba kontra tiegħu a bażi tal-provi prodotti quddiemha, u konsegwentement jilmenta illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi.

L-Ewwel Qorti jidher illi bbazat il-ħtija ta' l-appellant a bazi tal-fatt illi d-droga nstabet fuq ix-xarabank tieghu, ukoll peress illi d-droga illi nstabet fir-residenza tieghu kienet mohbija : *"Illi certament ic-cirkostanzi li fihom instab l-imputat, cioe` bid-droga fuqu, mohbija fid-dar iwasslu lill-Qorti ghal konkluzjoni unika li hu kien qieghed jittraffika d-droga ta' varji speci".*

Illi l-fatt illi l-appellant kien iżomm id-droga mohbija, din ma tfisser assolutament xejn. L-appellant ma kienx jghixx waħdu fir-residenza msemmija għalhekk huwa normali illi persuna jaħbi l-istess, anke jekk din hija ghal l-użu tiegħu personali. Di piu, l-fatt illi l-appellant kien iżomm id-droga fuqu u anke fuq ix-xarabank tieghu ma tfissirx illi l-istess droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Wieħed irid iżomm f'moħħu illi l-gurnata tax-xoghol ta' xufier ta' xarabank hija twila, u ghalhekk dan il-fatt ma jindikax illi tali droga kienet intiza sabiex tigi traffikata. Huwa noramli wkoll ghal xufier ta' xarabank, illi jiehu l-break tieghu, bejn vjagg u iehor, fuq ix-xarabank stess. Dan qed jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt illi nstab "roach" mahrug fuq ix-xarabank, ezattament fejn l-appellant kien izomm il-flus tieghu.

Illi konsegwentement, mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni stess, huwa ovvju illi l-appellant jabbuza mid-droga. Fix-xhieda tieghu l-Ispettur Dennis Theuma xehed illi mir-residenza ta' l-appellant precizament mill-kamra tieghu, gew elevati bicciet tal-foil mahruq, kif ukoll bicciet ta' karti forma ta' qratas, minn fuq ix-xarabank giet elevata wkoll "roach" mahruq. L-appellant, fl-istqarrija tieghu esebita a

fol 19 u 20 tal-process, rilaxxata a tempo vergine, dak inhar stess illi huwa gie arrestat, ukoll jammetti illi huwa ghandu problema ta' abbuż ta' droga.

Jirrizulta car ghalhekk illi d-droga illi nstabet fuq l-appellant kienet ghall-uzu personali tieghu u certament ma kienitx intenzjonata sabiex tigi traffikata, u għalhekk l-appellant ma seta qatt jinstab ħati ta' pussess aggravat tal-cannabis u l-ecstasy.

L-appellant f'dan l-istadju jirrileva illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova illi hu kellu l-intenzjoni illi jittraffika d-droga illi nstabet fil-pussess tiegħu.  F'dan il-kuntest, jingħad illi sabiex Qorti ssib htija ta' spacc ta' drogi, hija mhux biss trid tkun konvinta "beyond reasonable doubt" illi tali persuna kellha l-pussess tad-droga izda wkoll illi tali persuna kellha l-intenzjoni li tispaċċa jew b'xi mod tikkonsenja l-istess droga.  Issir referenza ghal kaz fl-ismijiet Il-Pul vs Emanuel Delia et deciza fit-tlieta ta' Marzu tas-sena 1997, il-Qorti filwaqt li ghamlet referenza ghal cirkostanzi partikolari, rreteniet illi "*ma jidhirx li jsita` jindika l-intenzjoni ta' spacc".*

Ghaldaqstant sabiex jigi sodisfacament ippruvat ir-reat in dezamina, l-Qorti trid, wara li taghmel apprezzament approfondit tal-provi prodotti, tasal ghal konvinciment morali illi mic-cirkostanzi tista` "safely and satisfactorily" tigbed inferenza u tikkonkludi illi kien hemm l-intenzjoni pozittiva diretta u specifika ta' l-ispacc.  Mhux kull cirkostanza illi tista` twassal ghal xi suspett hija sufficjenti. B'mod generali, l-ligi ma tisanzjonax l-intenzjonijiet, u huwa biss eccezzjonalment illi l-ligi tikkonsidra r-reat ikkunsmat (u mhux biss tentattiv) meta l-intenzjoni kriminuza tkun ghada ma gietx attwata, u ghaldaqstant, l-esponenti jissottometti illi wiehed ghandu jezercita cirkospenzjoni ikbar f'kazijiet simili, u sabiex ma jinholqux ingustizzji, l-intenzjoni ta' l-ispacc ghandha tirrizulta b'mod konkret u inekwivolu u mhux sempliciment frott ta' kongenituri u suppozizzjonijiet.

Il-prosekuzzjoni, rrnexxielha ghalhekk tipprova sal-grad rikjest mill-ligi, l-pussess, hekk imsejjah semolici, pero`

naqset illi ġġib provi konklussivi, li l-istess pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu. L-ammont ta' droga illi nstabu fuq l-appellant, ma hux inkompatibbli mal-pussess ta' persuna li tikkonsma d-droga hi personalment.

L-aggravju l-ieħor ta' l-appellant jirrigwardja dik illi hija piena. F'dan is-sens, l-Ewwel Qorti filwaqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u għalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita` taghha, u sussidjarjament u minghajr preġudizzju, fil-kwantita`, ma tohloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum, fejn anke se tigi introdotta s-sistema tal-parole. Illi f'dan il-kaz, l-appellant huwa ukoll prekluz milli jsegwi programm ghar-riabilitazzjoni tad-droga, u dan minhabba l-perjodu ta' priġunerija illi huwa ġie kkundannat ghaliha. Bħalissa l-appellanti qed isegwi korsijiet organizzati mill-Agenzija Sedqa, u dan sabiex jindirizza l-problema ta' abbuż ta' droga illi huwa għandu.

Ikkonsidrat

Li fil-qosor l-aggravji tal-appellant huma tnejn:

(a) Li l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi;
(b) It-tieni aggravju huwa dwar il-quantum tal-piena.

**L-ewwel aggravju**

Intqal kemm-il darba li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti kemm-il darba l-Ewwel Qorti setgħet tasal għall-konklużjoni tagħha kemm legalment kif ukoll raġonevolment.

L-ewwel żewġ imputazzjonijiet huma dwar pussess mhux għall-użu eslussiv tal-mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) u tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża.

L-appellant jissottometti li huwa qatt ma kellu jkun misjub ħati ta' dawn iż-żewġ imputazzjonijiet. In sostenn id-difiża tirreferi għal numru ta' każijiet. Bir-rispett kollu, bħalma diġa' qalu diversi qrati, fil-każ ta' pussess mhux għall-użu esklussiv, kull każ irid ikun ittrattat **għalih.** Għalhekk il-liġi (kemm il-Kap 31 kif ukoll il-Kap 101) tgħidlek li trid tħares lejn iċ-ċirkostanzi.

Il-Qorti għarblet il-provi li hemm fil-proċess. Minn dawn jirriżulta li l-appellant kien isuq trakkijiet tal-linja. Huwa twaqqaf fit-30 ta' Mejju 2007 kif ser jibda l-jum tax-xogħol u nstabu fuqu sitt biċċiet ta' sustanza kannella, qartas abjad bi trab abjad allegatament kokaina u borża tal-plastic b'20 pillola ecstasy. Fuqu nstabu żewġ ammonti ta' flus kontanti ta' Lm380 u Lm390. Kellu żewġ mobiles, wieħed mudell Nokia u l-ieħor Samsung.

Mid-dar tiegħu, minn taħt il-kommodina fil-kamra tas-sodda kienu elevati **miżien elettroniku tad-ditta Diamond**, tliet boroż simili għal dik misjuba fuq l-imputat u ħames biċċiet sustanza kannella. Fil-gwardarobba tal-istess kamra tas-sodda nstabu xi biċċiet tal-foil maħruq u biċċiet ta' karta forma ta' qratas u sim card tal-kumpanija Go Mobile. Huwa verbalment ammetta ma' PS 1250 P.Saliba li ġieli ħa kokaina b'referenza għas-sachet bi trab abjad misjuba fuqu u ammetta wkoll li ġieli pejjep xi joint tal-cannabis u ħa xi pillola ecstasy. Huwa qal li s-96 pillola ecstasy u madwar il-130 gramma raża tal-cannabis flimkien mal-miżien elettroniku kienu sabhom mormijin mal-art ħdejn l-iskip. Dwar il-flus huwa qal li dawn kienu għad-diesel għal ħmistaxu t-Lm380 kienu għax-xogħol extra li kien għamel.

Ix-xhieda ta' PC 1319 Matthew Xuereb, dik ta' PC 773 Ryan Tonna u ta' PC 213 Nicolai Borg (fol 120) jikkonfermaw dak li ssemma li nstab fil-paragrafi preċedenti. Huwa qal li fil-kamra tas-sodda taħt il-kommodina sabu tliet boroż simili għal dawk li kellu fuqu fil-bott bil-pilloli suspettati ecstasy. Il-biċċiet tal-cannabis misjuba kienu mdaqqsa. L-uffiċjal intwera l-esibiti kollha u kkonferma li kienu dawk li huma sabu.

A fol 133 PC 1319 Matthew Xuereb għaraf il-mobiles li kienu elevati
.
A fol 42, WPC Ruth Sammut xehdet li fil-but tal-qmis l-appellant kellu bott abjad b’xi trab abjad u diversi pilloli x’aktarx ecstasy.

PC 453 Brian Cassar kien ħa xi ritratti ta’ oġġetti li kienu suspettsti li għandhom x’jaqsmu mad-droga.

L-Ispiżjar Mario Mifsud kien maħtur mill-Qorti bħala espert. Huwa qal li ma nstabux traċċi ta’ sustanza illegali fuq il-miżien elettroniku u fur it-tliet biċċiet ta’ foil u l-erba’ speċi ta’ qratas li kien hemm fid-dokument 494/07/04. Instabu speċi ta’ traċċi THC (li itnsab fil-pajnta cannabis) fuq speċi ta’ roach li kien hemm fid-dokument 494/07/05 waqt li fid-dokumenti 494/07/02 u 494/07/03 kien hemm ammont nett totali ta’121.098 gramma b’purita’ ta’ 8.9%. Fuq il-blokki li kien hemm in-numru 60 kienu ta’ piż anqas minn dawk likellhom 70. F’tal-ewwel blokka kienet ta’ 18.744 gramma, l-oħra ta’ 22.131 gramma u l-oħra ta’ 20.487 gramma. Dwak li kellhom in-numru 70 fuqhom kellhom dawn il-piżijiet: 24.044 u 24.43 gramma. Il-Qorti ħadet nota wkoll tal-piżijiet indikati a fol 5 tar-relazzjoni: 02.186; 03.940; 0.2611; 02.525 u l-piżijiet l-oħra indikati f’dan il-paragrafu.

Il-pilloli bojod li kienu jammontaw għal 89 kellhom fihom is-sustanza 3,4 Methylenedioxymetamphetamine (MDMA).

L-ammont ta’ kokaina li nstab kien ta’ 0.234 grammi. Circa 41% ta’ dan it-trab kien kokaina.

Is-sur Martin Bajada ippreżenta r-relazzjoni tiegħu fis-6 ta’ Settembru 2007.

Fid-9 ta’ Jannar 2008, l-espert tal-fingerprints is-sur Joseph Mallia, l-aħħar xhud tal-Prosekuzzjoni, xehed li l-10 impronti li fuqhom seta’ jsir eżami komparattiv

bejnhom u bejn l-impronti tal-appellant taw riżultat negattiv. (fol 153). [1]

Il-kawża kienet differita diversi drabi sabiex id-difiża ttella' l-provi iżda la-vuakt difensur kellu jinforma l-Qorti li l-appellant ma kienx qed jikkomunika miegħu. Filfatt saret trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni biss fil-21 ta' Jannar 2011. (fol 195). [2]

Il-Qorti eżaminat dawn ix-xhieda kollha u hija moralment konvinta li l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, jiġifieri li mhux biss l-imputat huwa ħati ta' pussess tad-droga kokaina u tal-pussess tad-droga eroina iżda, u fuq dan għamlet enfasi l-Qorti tal-Maġistrati, li l-appellant kellu fil-pussess tiegħu kemm il-mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) kif ukoll ir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan - it-tnejn li huma - f'ċirkostanzi li juru li ma kinux għall-użu tiegħu.

Il-Qorti qieset li meta twaqqaf mill-membri tad-drug squad hekk kif l-appellant kien ser jibda l-jum tax-xogħol tiegħu bix-xarabank, il-Pulizija sabulu fuqu sitt biċċiet raż tal-cannabis, bott tal-plastik mimli b'għoxrin pillola ecstasy, żewġ ammonti konsiderevoli ta' flus u borża żgħira b'0,234 gramma kokaina. Waħda mix-xhieda tal-Pulizija saħansitra xehdet li l-bott kien fil-but tal-qmis. Dawn l-ammonti, kemm ta' flus kif ukoll ta' pilloli ecstasy u cannabis, ma jistgħux jitqiesu normali li jkunu għall-pussess esklussiv tal-persuna li tkun.

Id-difiża ssottomettiet li l-jum tax-xogħol tax-xufier huwa twil u qalet li dan l-ammont li nstab fuqu huwa kompatibbli mal-pussess ta' persuna li tikkonsma d-droga hi personalment. Skont id-difiża

'Jirriżulta ċar għalhekk li l-appellant kien jabbuża mid-droga anke fix-xarabank tiegħu.'

---

[1] L-Avukat Ġenerali bagħat il-kontra-ordni fl-4 ta' Settembru 2008

[2] Fis-sentenza jingħad hekk: ' Rat ukoll li l-imputat ma ressaq ebda prova in difesa nonstante li kien mogħti diversi opportunitajiet għal dan. (fol 216)

Il-Qorti ma taqbilx ma’ din is-sottomissjoni. Id-difiża qed tagħmel asserzjoni dwar il-consumption habits tal-appellant li m’hemm prattikament ebda eku tagħhom fil-provi. Jekk wieħed jeskludi għal kollox l-istqarrija, kif insistiet li jsir id-difiża waqt it-trattazzjoni, allura wieħed ifittex fil-bqija tal-provi għal xjen. Huwa sinifikanti li d-difiża kellha ċans mill-10 ta’ Ġunju 2006 sat-3 ta’ Ġunju 2010 – jekk riedet li turi ċerta consumption habits. Iżda, mingħajr ebda tort tal-avukat difensur, l-appellant ma kienx qed jikkomunika magħha u għaldaqstant dan ma setgħetx tagħmlu. L-unika referenza żgħira għall-consumption habits li hemm hija fl-istqarrija fejn l-appellant siemmi li ġieli pejjep xi joint tar-raża tal-cannabis u l-aħaħr li kien pejjep xi tlitt ijiem qabel. L-aħħar darba li kien ħa l-kokaina kien xi xahrejn qabel u kien ħa xi pillola ecstasy xi sitt xhur qabel.

Id-dar nstabu, miżien elettroniku, 69 pillola oħra tal-ecstasy u t-total tat-THC kien 121.098 grammi.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-ammonti misjubin ta’ ecstasy u ta’ cannabis jindika ċar li d-drogi kienu ntiżi biex ikunu spaċċjati. Partikolarment dawk id-drogi li nstabu fuq l-appellant ikomplu jsaħħu l-fehma ta’ din il-Qorti li l-appellant kellu drogi għad-dispożizzjoni tiegħu fuq ix-xarabank biex jgħaddihom jew ibiegħhom lil ħadd ieħor. U aktar u aktar meta wieħed iqis li m’hemm ebda prova viva voce tal-consumption habits tal-appellant. Il-mistoqsija tqum waħdiha: Mela għalfejn kien qed iġorr jew kellu fid-dar dak l-ammont ta’ droga?

Id-difiża tissottometti li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova li l-appellant kellu l-intenzjoni li jispaċċja. Il-Qorti ma taqbilx ma dan il-punt għaliex l-intenzjoni li wieħed jispaċċja tista’ toħroġ mill-provi kollha li jkunu nġiebu a konjizzjoni tal-Qorti. F’dan il-każ, il-kumulu ta’ ċirkostanzi li ssemmew aktar ‘il fuq iwassal għall-prova tal-intenzjoni tal-ispaċċjar. Għalhekk il-Prosekuzzjoni ġabet provi tal-intenzjoni (jew il-mens rea li wieħed jispaċċja).

Il-Qorti għalhekk qed tiċħad l-ewwel aggravju.

Qabel tgħaddi għat-tieni aggravju, qed jingħad li m'hemmx appell mis-sejbien ta' ħtija taħt it-tielet u r-raba' imputazzjoni.

**It-tieni aggravju. Aggravju dwar il-piena.**

Sussidjarjament l-appellant appella fuq il-quantum tal-piena u li l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet aktar enfasi fuq ir-retribuzzjoni milli fuq ir-riforma.

Dwar ir-riforma tal-appellant il-Qorti semgħet ix-xhieda tar-rappreżentanta tas-Sedqa li qalet li l-appellant kien ikkuntatjhom f'Lulju tas-sena 2011. Dak iż-żmien l-appellant kien diġa' klijent tagħhom fl-outpatient services u kien qed imur regolarment għall-appuntamenti. Matul dan iż-żmien huwa fetaħ business żgħir u poġġa l-familja bħala priorita'. Barra milli qed iżomm il-familja tiegħu huwa qed jieħu ħsieb tifel bi bżonnijiet speċjali.

Il-Qorti l-ewwelnett qed tirrimarka li l-piena qegħda fil-parametri tal-Liġi. Għalhekk din il-Qorti mhux ser tmiss il-piena jekk ma jkunx hemm raġuni impellenti. Il-Qorti ser timmitiga ftit il-piena minħabba l-progress li għamel l-appellant.

Il-Qorti għalhekk ser tilqa' dan it-tieni aggravju b'mod limitatissimu.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant, il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fit-3 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet premessi billi waqt li tikkonferrmha fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, fejn ikkundannatu għal tliet snin priġunerija u fejn ordnat il-konfiska tal-flejjes esibiti fl-atti u qed tirriformha fejn infliġġiet multa ta' €5000 u minflok qed tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' €3000 liema multa tista' titħallas fi żmien sentejn. Għandu jitnaqqas mill-piena kull żmien li l-appellant għadda taħt arrest preventiv. Il-Qorti qed tirrakkomanda lild-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jagħti dik l-għajnuna kollha possibbli lill-**appellant ħalli dan jibda programm ta' riabilitazzjoni kemm jista' jkun malajr.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------